**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 237**

It-Tlieta, 30 ta' April 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo u l-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici, l-Onor. Chris Said u l-Onor. Mark Anthony Sammut kienu skużati.

L-Onor. Ivan Castillo, l-Onor. Stephen Spiteri u l-Onor. Edward Zammit Lewis kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 236 li saret fid-29 ta' April 2024 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3624 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Naomi Cachia, tal-Onor. Randolph De Battista, tal-Onor. Beppe Fenech Adami u tal-Onor. Chris Said fit-Tieni Parti tas-Sessjoni Ordinarja tal-2024 tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (PACE) li saret fi Strasburgu bejn il-15 u d-19 ta' April 2024.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 17475 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA’ KARTI**

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3625 Lista ta’ tobba fuq il-Medical Panel għas-snin bejn l-2013 u l-2024, maqsuma sena b’sena, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18827.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3626 Avviż Legali Nru 106 tal-2024 - Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta’ Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra;

P.L. 3627 Tagħrif dwar in-numru ta’ persuni li ġew imħarrka għax inqabdu jħammġu jew iħallu skart barra, maqsuma bejn dawk indirizzati mill-Pulizija u dawk mil-LESA fil-perjodu bejn Jannar 2023 u April 2024 maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18643;

f’isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3628 Tabella li turi tagħrif dwar azzjonijiet ta’ enforcement li ttieħdu mill-Awtorità tal-Ippjanar jew mis-sid sabiex strutturi f’Ħal Għaxaq, il-Gudja u Marsaxlokk ikunu konformi mal-permess fil-perjodu bejn Ottubru 2022 u April 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18722;

f’isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3629 Tagħrif dwar Direttivi tal-Unjoni Ewropea li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir li se jiskadu fis-sena 2024 u li għadhom mhux trasposti fil-liġi nazzjonali, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 18537;

f’isem il-Ministru għall-Finanzi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3630 Tabella li turi tagħrif dwar in-nefqa fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Finanzi fil-perjodu bejn Jannar u April 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17886;

f’isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3631 Tabella li turi tagħrif dwar l-ispiża fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu bejn Jannar u Diċembru 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17887;

P.L. 3632 Stqarrija għall-Istampa (PR240671) maħruġa mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-25 ta’ April 2024 bl-isem ‘Tmexxjia ġdida għaċ-Ċentru tar-Riżorsi Guardian Angel’, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 18760; u

f'isem il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3633 Avviż Legali Nru 105 tal-2024 - Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet għal Kura tas-Saħħa; u

P.L. 3634 Tabella li turi tagħrif dwar l-ispiża fuq artikli u opinjonijiet fuq online portals mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva għall-perjodu bejn Jannar u Ġunju 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17890.

**PUNT TA' INFORMAZZJONI**

Il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar, informa lill-Kamra li l-Oppożizzjoni mhijiex favur l-arranġament ivverbalizzat mill-Whip tal-Gvern fis-seduta tad-29 ta' April 2024, ċjoè li minħabba impenji marbuta mal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-kunsilli lokali skedati għat-8 ta' Ġunju 2024, il-Parlament jaġġorna għal nhar it-Tnejn, 10 ta' Ġunju 2024 wara s-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 8 ta' Mejju 2024.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-KUMPANIJI – ABBOZZ NRU 96**

Il-Kamra rriżumiet mid-29 ta' April 2024 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Ivan J. Bartolo, l-Onor. Glenn Bedingfield u l-Onor. Silvio Schembri.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji, Kap. 386" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi, l-Onor. Silvio Schembri, ippropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

Fil-5.37 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-Aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi, l-Onor. Silvio Schembri, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 6 ta' Mejju 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Tielet Qari |

Jew xi aġenda oħra li tista' tiġi komunikata aktar tard.

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Paula Mifsud Bonnici u mill-Onor. Charles Azzopardi.

Fis-6.07 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 6 ta’ Mejju 2024, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**